# QOMT NAĦSEB

*Lil F. M.*

FIL-ĦEMDA t'hawn-il-lej'
kullħadd mix-x'għol tal-jum kien q'ed jistrieħ
minngħajr ma jaħseb f'xej'
għajr fl-hena wfit-taqriq tal-ħolm sabiħ.

Isaltan kien is-skiet
fil-kmajra tiegħi mnejn kont nisma' ċar
il-ħoss tan-nifsijiet
ta' dawk li kienu rieqda ġewwa d-dar.

Wil-ħajja tiegħi bdejt
inġib fi ħsiebi meta ġewwa fija
l-ewwel darba ħassejt
ix-xrar ta' mħabba jixgħel fiż-żgħożija.

—Ftakart fiż-żmien, ħanina,
xħin l-ewwel darba rajtek titfa' lejja,
minn dawk għajnejk taż-żîna,
ħarsa li kienet ta' l-imrar qaddejja.

Ma kont naf xejn xi tfisser
ir-rabta kiefra ta' l-imħabba tagħna,
li ż-żmien għaraf ikisser
sabiex firidna—u fil-hemm tefagħna.

Bi xrara wisq qaddisa
tkebbist fil-ħin, għax iġġennint għal ġmielek,
u, bla ma qgħadt inqisha,
xħin tlabtni mħabbti, jien bil-ferħ tajthielek.

U ntilfet fija l-ħrara
li ngħaxxaq qalbi b'sema, xemx u ward,
għaliex fik jien kont nara
ġmiel iktar sbejjaħ mill-ħolqien ta' l-art.

Int biex isserraħ rasek
mill-hemm tad-dinja li kont tħoss ġo fik,
sikwit kont titlaq nagħsek
lejn qalbi tħabbat lejl u nhar għalik.

Għajnejk kienu jkellmuni
bi kliem ta' mħabba, ta' twissija w-talb,
donnhom xtaqu juruni
kif kont imnaqqax ġewwa l-ħelwa qalb.

Hekk ħlifna mħabba, w-ħlifna
li nibqgħu marbutin b'nar imħabbitna,
iż-żmien illi jislifna
is-Sid tal-ħlejjaq sa tintemm ħajjitna.

Kemm drabi għidt ġo fija
li jmut il-ġisem wil-bnedmin jinsuh,
iżda tibqa' qawwija
l-imħabba tagħna sa ma tibqa' r-ruħ.

Iż-żmien, ħabib tal-qabar,
li jtemm mid-dinja kull ma ġie maħluq,
Telfilna s-serħ wis-sabar,
u tfielna x-xrar li kien ġo l-qalb magħluq;

u tar bħal rix fil-beraħ,
minngħajr ma jħalli l-ebda fdal mar-riħ,
u ħadd minnha ma feraħ
għax xrobna t-tazza ta' l-imrar sal-qiegħ.

Nisħtek ma nistâx jiena
għax ħtija għandi bħal ma għandek int,
anqas ma nitlob ħniena
biex nati l-ħajja 'l dak li inti dfint.

Il-ħsieb mhuwiex biż-żejjed
li jarġa' jkebbes dak li ntefa sew,
ix-xrar ta' mħabba mejjet
nidfnuh għal kollox sabiex żgur ninsew....

U kif kont naħseb f'dan,
l-arloġġ tal-knisja daqq għal tliet darbiet;
bl-imgħoddi mrar ferħan
għalaqt għajnejja biex nistrieħ fis-skiet.

Carmelo Cassar